MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 249/2002/1

**Id-Direttur tas-Sigurta' Socjali
Vs**

**Anthony Camilleri u b'digriet tal-1 ta' April, 2003, Dr Renzo Porsella Flores gie nominat kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-assenti Anthony Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-Avviz, fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Frar, 2002, fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas l-ammont dovut ta' Lm113.88 (mija u tlettax il-lira maltin u tmienja u tmenin centezmu).**

**Peress illi l-konvenut kien jircievi l-ghajnuna socjali ghall-disimpjieg;**

**Peress illi huwa rregistra ghax-xoghol ghall-ahhar darba fil-15 ta' Settembru, 1999 imma baqa' jircievi l-ghajnuna socjali sal-15 t'Ottubru, 1999;**

**Peress illi konsegwentement huwa thallas is-somma ta' mija u tlettax il-lira maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm113.88) indebitament bhala ghajnuna socjali;**

**Peress illi ghalkemm huwa gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont dovut huwa baqa' inadempjenti;**

**Ghalhekk qed issir din il-kawza sabiex il-konvenut jirrifondi dan l-ammont lill-attur.**

**Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Lulju, 2000 u bl-imghax legali kontra l-konvenut mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra n-nomina tal-kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil assenti konvenut.**

**Sema' lil Carmel Azzopardi jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadu dovut.**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna l-konvenut jhallas lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali l-ammont ta' mija u tlettax il-lira maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm113.88) dovuti bhala ghajnuna socjali, bl-ispejjes.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------